Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,431, 18 ta' Marzu, 1997
Taqsima B

A.L. 37 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Marketing – M.A.* u tal-*Master of Arts in Marketing Education – M.A.*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 dwar il-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Marketing – M.A.* – u tal-*Master of Arts in Marketing Education – M.A.*

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra-

"il-Bord tal-Fakultà" ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management* u ta' l-*Accountancy*;

"il-Bord ta' l-Istudji" ifisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Grad maħtur mill-Bord tal-Fakultà;

"il-Grad" ifisser, skond kif ikun meħtieġ fil-każ, il-Grad ta' *Master of Arts in Marketing – M.A.* – u tal-*Master of Arts in Marketing Education – M.A.;*

"il-Kors" ifisser, skond kif ikun meħtieġ fil-każ, il-kors ta' studji u riċerka li jwassal għall-Grad ta' *Master of Arts in Marketing – M.A.* – jew għall-Grad ta' *Master of Arts in Marketing Education – M.A.*

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1995 jew wara.

Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Kandidati għad-dħul fil-Kors ta' *Master of Arts in Marketing* għandhom ikunu:

(a) persuni li għandhom Grad Universitarju bl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew it-Tieni Klassi Superjuri bl-Unuri f'xi suġġett relatat approvat mill-Bord tal-Fakultà għal dan il-għan; jew

(b) persuni li għandhom Grad Universitarju bit-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri) jew kwalifika professjonali rikonoxxuta mill-Università ta' Malta għad-dħul f'dan il-Kors flimkien ma' minimu ta' tliet snin esperjenza f'livell għoli fil-qasam ta' responsabbilità għall-funzjoni tal-*Marketing*.

(2) Kandidati għad-dħul għall-*Master of Arts* fil-Kors tal-*Marketing Education* għandhom ikunu:

(a) persuni li għandhom Grad universitarju fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew it-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri) f'xi suġġett relatat approvat mill-Università ta' Malta għal dan il-għan; jew

(b) persuni fil-pussess ta' Grad universitarju jew kwalifika professjonali rikonoxxuta mill-Università ta' Malta għad-dħul f'dan il-Kors flimkien ma' minimu ta' erba' snin esperjenza fit-tagħlim f'suġġett tan-negozju.

(3) Qabel ma jiġu ammessi biex jirreġistraw għall-Kors l-applikanti kollha għandhom jiġu approvati mill-Bord tal-Fakultà fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji bħala li għandhom kwalifiki, għarfien u kapaċitajiet meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

Reġistrazzjoni

4. Kandidat għandu jirreġistra fuq il-formola preskritta fiż-żmien speċifikat mill-uffiċċju tar-Reġistratur.

Tul tal-Kors

5. (1) It-tul tal-Kors għandu jkun ta' tnax-il xahar skond il-kalendarju ta' studju *full-time*.

(2) F'ċirkostanzi eċċezzjonali kandidat jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà jtemm il-programm tal-Kors f'perijodu massimu ta' sentejn wara r-reġistrazzjoni.

Kors ta' Studju

6. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet: l-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) L-Ewwel Parti tal-Kors għandha tkun komuni kemm għall-Grad tal-*Marketing* kif ukoll għall-*Marketing Education* u għandu jestendi fuq żewġ semestri akkademiċi. Dan ikun jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux inqas minn 20 kredtu għandhom jiġu assenjati fil-moduli li ġejjin:

Consumer and Organisational Buying Behaviour
Marketing Research
The Components of Marketing
Media Production & Management
Specialised Marketing
Marketing Strategy.

(3) It-Tieni Parti tal-Kors li jwassal għall-Grad fil-*Marketing* għandu jikkonsisti fi proġett ta' riċerka taħt superviżjoni jew dissertazzjoni taħt superviżjoni fuq suġġett approvat li għalihom għandhom jiġu mogħtija mhux inqas minn 6 kredti.

(4) It-Tieni Parti tal-Kors li jwassal għall-Grad fil-*Marketing Education* għandu jikkonsisti f'żewġ taqsimiet studju fil-pedagogija fil-*Marketing* li għalihom mhux inqas minn 3 kredti għandhom jiġu mogħtija u dissertazzjoni bil-miktub fuq suġġett approvat li għaliha mhux inqas minn 3 kredti għandhom jiġu mogħtija.

(5) Katalgu ta' taqsimiet studju u tal-kredti mogħtija għal kull taqsima studju għandu jiġi ppubblikat qabel il-bidu ta' kull semestru. Uħud mit-taqsimiet studju jistgħu jkunu ndikati bħala obbligatorji u oħrajn bħala li jistgħu jingħażlu. It-taqsimiet studju jistgħu jinvolvu xogħol prattiku taħt superviżjoni. Dan ix-xogħol prattiku għandu jkun ikkonsidrat bħala komponent essenzjali tal-Kors li għalih għandhom jiġu mogħtija kredti.

Valutazzjoni kontinwa

7. (1) Il-kandidati għandhom jiġu vvalutati fit-taqsimiet studju li għamlu skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord tal-Fakultà.

(2) Dawn il-gradi għandhom jiġu wżati fl-għoti tal-kredti: A, B, C, D u F, li jibda mill-għola mertu u jasal sa l-inqas fejn F tindika li kandidat ikun weħel.

(3) Kandidat li jeħel f'xi kredtu jista' jitħalla jerġa' jiġi vvalutat darba biss. Fil-każ ta' rivalutazzjoni l-grad massimu li jista' jikseb kandidat huwa D.

Attendenza

8. Kandidat li wara li jiġi mwissi bil-miktub, ifalli persistentement milli jattendi *l-lectures* u/jew it-*tutorials* jew b'xi mod ieħor ma jaqdix id-dmirijiet akkademiċi mingħajr ġustifikazzjoni, jista' jiġi eskluż mis-Senat, wara rikomandazzjoni mill-Bord tal-Fakultà, milli joqgħod għal wieħed jew aktar mill-eżamijiet.

Eżamijiet

9. (1) Fl-aħħar ta' l-Ewwel Parti tal-Kors u wara li jikseb minimu ta' għoxrin kredtu kandidat għandu joqgħod għall-Eżami Finali bil-Miktub.

(2) L-Eżami Finali bil-Miktub għandu jikkonsisti f'erba' karti, li waħda minnhom tkun tista' tittieħed id-dar.

(3) Biex jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-Eżami Finali bil-Miktub kandidat għandu jikseb grad li għadda fl-erba' karti kollha.

(4) Kandidati li jeħlu f'karta waħda biss fl-Eżami Finali bil-Miktub ikunu jistgħu jagħmlu eżami riparatorju ta' dik il-karta f'data li tiġi deċiża mill-Bord tal-Fakultà. Kandidati li ma jgħaddux f'mhux iktar minn 3 karti ta' l-Eżami Finali bil-Miktub jistgħu jitħallew mill-Bord tal-Fakultà li joqogħdu għall-Eżami Riparatorju ta' l-Eżami Finali bil-miktub kollu f'data li ma tkunx aktar tard minn 6 xhur wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati, u li tkun deċiża mill-Bord tal-Fakultà. Il-kandidati jistgħu jagħmlu l-Eżami Riparatorju ta' l-Eżami Finali bil-Miktub darba biss u l-grad massimu li jista' jinkiseb fl-eżami riparatorju huwa l-grad D.

Proġett/Dissertazzjoni

10. (1) Matul it-Tieni Parti tal-Kors il-kandidati li qed jistudjaw għall-Grad fil-*Marketing* jinħtieġu li jagħmlu proġett ta' riċerka jew dissertazzjoni iffokati fuq il-*marketing*.

(2) Il-kandidati li qed jistudjaw għall-Grad fil-*Marketing Education* ikunu meħtieġa li jagħmlu dissertazzjoni li għandha tkun iffokata fuq l-edukazzjoni jew fuq il-*marketing*. Dawk li jagħżlu qasam wieħed jinħtieġu li juru l-konnessjonijiet u l-implikazzjonijiet għall-qasam l-iehor.

(3) Is-superviżur għandu jiġi appuntat mill-Bord tal-Fakultà għal kull proġett jew dissertazzjoni. Is-superviżur għandu jeħtieġ li l-kandidat jirrapporta għandu tant spiss kemm jidhirlu bżonjuż u għandu jirrapporta lill-Bord ta' l-Istudji u wara lill-Bord tal-Fakultà kull kandidat li l-progress tiegħu huwa kkunsidrat mhux sodisfaċenti.

(4) Kandidati li qegħdin jistudjaw għall-Grad fil-*Marketing* għandhom jissottomettu t-titlu propost u l-linji tal-proġett jew dissertazzjoni għal-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà mhux aktar tard mill-aħħar tas-seba' xahar tal-Kors.

(5) Kandidati li qegħdin jistudjaw għall-Grad fil-*Marketing Education* għandhom jissottomettu t-titolu u l-linji tad-dissertazzjoni għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà mhux aktar tard mill-aħħar tad-disa' xahar tal-Kors.

(6) Il-proġett jew id-dissertazzjoni għandhom jissodifaw il-Bord tal-Fakultà f'dak li jirrigwarda format u preżentazzjoni.

(7) Il-proġett jew dissertazzjoni li għandhom jiġu sottomessi skond il-paragrafu (4) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu minn 15,000 sa 20,000 kelma fit-tul (eskluži titoli, tabelli, riferenzi u appendiċijiet).

Id-dissertazzjoni li għandha tiġi sottomessa taħt il-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament għandha tkun minn 10,000 sa 15,000 kelma fit-tul (eskluži titoli, tabelli, riferenzi u appendiċijiet).

Il-Bord tal-Fakultà jista' jestendi t-tul tal-proġett jew dissertazzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tas-superviżur.

(8) Il-proġett jew dissertazzjoni għandhom jiġu sottomessi fil-forma finali tagħhom mhux aktar tard mit-tnax-il xahar mill-bidu tal-Kors sakemm ma tingħatax estensjoni mill-Bord tal-Fakultà.

(9) Jista' jsir ukoll eżami *viva-voce* fuq il-proġett jew dissertazzjoni.

(10) Wieħed li jeħel fil-proġett jew dissertazzjoni jista' jiġi meħtieġ jerġa jissottometti l-proġett jew dissertazzjoni mill-ġdid jew jiġi kkunsidrat li weħel fihom għal kollox skond il-gravità tan-nuqqas tiegħu. Id-deċiżjoni f'dan ir-rigward għandha tittieħed mill-Bord tal-Fakultà fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji.

Il-Klassifikazzjoni finali

11. (1) Il-klassifikazzjoni finali għall-Grad fil-*Marketing* tkun ibbażata fuq:

(a) it-taqsimiet studju - 40 fil-mija
(b) Eżami Finali bil-Miktub - 30 fil-mija
(ċ) il-proġett/dissertazzjoni - 30 fil-mija

(2) Il-klassifikazzjoni finali għall-Grad fil-*Marketing Education* għandha tkun ibbażata fuq:

(a) it-taqsimiet studju - 50 fil-mija
(b) l-Eżami Finali bil-Miktub - 30 fil-mija
(ċ) il-proġett/dissertazzjoni - 20 fil-mija

(3) L-ismijiet tal-kandidati li jgħaddu għall-Grad għandhom ikunu ppubblikati f'ordni alfabetiku f'żewġ kategoriji:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.